Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
NIILO JÄÄSKINEN
ippreżentati fid-29 ta’ Novembru 2012[1]

**Kawża C-228/11**

**Melzer**
**vs**
**MF Global UK Ltd**

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Düsseldorf (il-Ġermanja)]

“Ġurisdizzjoni f’materji ċivili u kummerċjali — Interpretazzjoni tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 44/2001 — Ġurisdizzjoni f’materji ta’ delitt — Parteċipazzjoni transkonfinali ta’ diversi persuni fl-istess avveniment li huwa allegatament dannuż — Possibbiltà eventwali li tiġi stabbilita l-ġurisdizzjoni ta’ qorti ta’ Stat Membru fil-konfront ta’ konvenut iddomiċiljat fi Stat Membru ieħor abbażi tal-post fejn twettaq l-avveniment kawżattiv minn allegat koawtur jew kompliċi mhux imfittex għad-danni”

## I – Introduzzjoni

1. It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Düsseldorf (il-Ġermanja) tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta’ Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta’ sentenzi f’materji ċivili u kummerċjali[2], u b’mod iktar preċiż dwar id-definizzjoni tal-“post fejn l-effett ta’ ħsara [l-avveniment dannuż] [i]kun twettaq”, fis-sens tar-regoli ta’ kompetenza f’materji li għandhom x’jaqsmu ma’ delitt previsti f’dak it-test, meta elementi kostitwenti ta’ dak l-avveniment ikunu suppost seħħew f’żewġ Stati Membri differenti kif ukoll fi ħdan wieħed minnhom.

2. Il-qorti tar-rinviju, li quddiemha tressqet azzjoni dwar responsabbiltà għal delitt ta’ natura transkonfinali, tistaqsi, għall-finijiet li tiddetermina l-ġurisdizzjoni tagħha *ratione loci* biex tiddeċiedi f’dan ir-rigward, dwar jekk waħda mill-persuni preżunti responsabbli għad-danni allegati li tkun tinsab iddomiċiljata fi Stat Membru[3] tistax titressaq quddiem qorti ta’ Stat Membru ieħor abbażi tal-post fejn kompliċi jew koawtur ikun wettaq att dannuż, minkejja li dan tal-aħħar ma jkunx konvenut fil-kawża.

1 — Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

2 — ĠU 2001, L 12, p. 1.

3 — Skont l-Artikolu 1(3) tar-Regolament Nru 44/2001, f’dawn il-konklużjonijiet l-espressjoni “Stat Membru” ser tintuża biex tirreferi għall-Istati Membri kollha tal-Unjoni Ewropea ħlief għar-Renju tad-Danimarka.

3. Skont id-deċiżjoni tar-rinviju, il-Landgericht Düsseldorf tissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja li toħloq bażi ġdida ta' kompetenza, li toffri lir-rikorrent għażla addizzjonali[4] fir-rigward tal-alternattiva prinċipali li tirriżulta mid-distinzjoni li saret għal żmien twil mill-ġurisprudenza f'każ ta' distanza bejn l-avvenimenti dolużi, bejn il-post fejn seħħet il-ħsara u l-post fejn twettaq l-avveniment kawżattiv ta' dik il-ħsara[5], jiġifieri kompetenza bbażata fuq il-post tal-att imwettaq minn awtur ieħor tal-avveniment dannuż apparti l-konvenut, skont regola li teżisti fid-dritt intern Ġermaniż[6].

4. Din il-kawża turi għal darb'oħra l-propensità ta' ċerti qrati tal-Istati Membri li jikkunsidraw li r-Regolament Nru 44/2001 jista' jiġi interpretat b'mod illi jitqiesu ċerti partikolaritajiet nazzjonali, li l-effetti tagħhom il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba taċċetta fuq livell transkonfinali[7], minkejja l-iskop fundamentalment unifikanti ta' dan l-att tad-dritt tal-Unjoni. Minbarra l-importanza notevoli tagħha minn din il-perspettiva teoretika, jidher li l-kawża inkwistjoni b'hekk għandu jkollha impatt kunsiderevoli mill-aspett prattiku, skont l-elementi ppreżentati mill-partijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja[8].

## II – Il-kuntest ġuridiku

5. Mill-premessa 2 tar-Regolament Nru 44/2001 jirriżulta li dan huwa intiż, fl-interess tal-funzjonament tajjeb tas-suq intern, biex jimplementa "[d]isposizzjonijiet biex jiġu unifikati r-regoli ta' kunflitt ta' ġurisdizzjoni f'materji ċivili u kummerċjali [...]".

6. Skont il-premessa 11 ta' dan ir-regolament, "[i]r-regoli ta' ġurisdizzjoni għandhom jiġu mbassra minn qabel u stabbiliti fuq il-prinċipju li l-ġurisdizzjoni hija ġeneralment ibbażata fuq id-domiċilju tal-konvenut u l-ġurisdizzjoni għandha dejjem tkun disponibbli fuq dan il-lat ħlief għal ftit sitwazzjonijiet definiti sewwa li fihom is-suġġett tal-materja tal-litigazzjoni jew ta' awtonomija tal-partijiet tkun teħtieġ fattur differenti".

7. Il-premessa 12 tal-istess regolament tipprovdi "[b]'żieda mad-domiċilju tal-konvenut, għandu jkun hemm bażi alternattiva ta' ġurisdizzjoni bbażata fuq rabta mill-qrib bejn il-qorti u l-azzjoni jew sabiex tkun iffaċilitata amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja".

8. Il-premessa 15 ta' dan ir-regolament tindika li "[f]l-interessi tal-amministrazzjoni armoni[zz] ata tal-ġustizzja huwa meħtieġ li titnaqqas il-possibiltà ta' proċedimenti simultanji u biex ikun assigurat li ma jiġux mogħtija ġudizzji rrikonċiljabbli f'żewġ Stati Membri [...]".

9. Ir-regoli dwar il-kompetenza jinsabu fil-Kapitolu II tar-Regolament Nru 44/2001.

4 — Alternattiva kkwalifikata bħala "determinazzjoni alternattiva" mill-qorti tar-rinviju.

5 — Is-sentenza tat-30 ta' Novembru 1976, Bier (21/76, Ġabra p. 1735, punt 19) introduċiet id-distinzjoni bejn "post fejn seħħet il-ħsara" u "post fejn twettaq l-avveniment kawżattiv" ta' dik il-ħsara, li tfakkret reċentement fis-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2012, Folien Fischer u Fofitec (C-133/11, punt 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

6 — Il-qorti tar-rinviju tinvoka l-kunċett ta' "wechselseitige Handlungsortzurechnung" li, skont traduzzjoni libera bil-lingwa Maltija, jikkorrispondi għal "imputazzjoni reċiproka tal-post tal-avveniment dannuż".

7 — B'hekk, il-Bundesgerichtshof ipproponiet lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tiddeċiedi li azzjoni bħan-"negative Feststellungsklage" (azzjoni għal konstatazzjoni negattiva), li hija rrikonoxxuta taħt id-dritt intern Ġermaniż, taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 44/2001, waqt li l-Cour de cassation Franċiża staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar jekk "klawżola ta' ġurisdizzjoni [...] miftiehma, f'sensiela Komunitarja ta' kuntratti, bejn manifattur ta' oġġett u xerrej skont l-Artikolu 23 tar-Regolament [Nru 44/2001], tipproduċix [...] l-effetti tagħha fir-rigward ta' subakkwirent", kif huwa possibbli taħt id-dritt intern Franċiż. Dwar dawn il-kwistjonijiet, ara l-konklużjonijiet ippreżentati minni fil-kawżi Folien Fischer u Fofitec, li taw lok għas-sentenza ċċitata iktar 'il fuq, u Refcomp (C-543/10), li għadha pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

8 — Effettivament, matul is-seduta, ir-rappreżentant ta' MF Global UK Ltd, (iktar 'il quddiem "MF Global UK") afferma li r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja kienet partikolarment mistennija għaliex numru kbir ta' sensara finanzjarji fil-borża kienu ġew imfittxija f'kawżi tal-istess tip, u ppreċiża li fid-ditta tal-avukati tiegħu kien hemm pendenti madwar 150 kawża ekwivalenti għal dik fil-kawża prinċipali.

10. L-Artikolu 2(1) tal-istess regolament, li jagħmel parti mis-Sezzjoni 1 tal-Kapitolu II, bit-titolu “Dispożizzjonijiet ġenerali”, huwa fformulat kif ġej:

“Bla preġudizzju għal dan ir-Regolament, persuni b’domiċilju fi Stat Membru għandhom, independentament min-nazzjonalità tagħhom, jiġu mfittxija fil-qrati ta’ dak l-Istat Membru”.

11. L-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 44/2001, li jinsab fl-istess taqsima, jipprovdi li l-“[p]ersuni domiċiljati fi Stat Membru jistgħu jiġi mfittxija fil-qrati ta’ Stat Membru ieħor biss bis-saħħa tar-regoli mniżżla f’Sezzjonijiet 2 sa 7 ta’ dan il-Kapitolu”.

12. L-Artikolu 5(1) u (3) tar-Regolament Nru 44/2001, li jifforma parti mit-Taqsima 2 tal-Kapitolu II dwar il-“Ġurisdizzjoni speċjali”, huwa fformulat kif ġej:

“Persuna domiċiljata fi Stat Membru tista’, fi Stat Membru ieħor, tkun imfittxija:

1) a) f’materji li għandhom x’jaqsmu ma’ xi kuntratt, fil-qrati tal-post tat-twettieq ta’ l-obbligi f’dak il-każ;

b) għall-iskopijiet ta’ din id-disposizzjoni u sa kemm ma jkunx miftiehem mod ieħor, il-post tat-twettieq ta’ l-obbligi f’dak il-każ għandu jkun:

— fil-każ ta’ bejgħ ta’ oġġetti, il-post fl-Istat Membru fejn, skond il-kuntratt, l-oġġetti ġew kunsinjati jew suppost li kienu kunsinjati,

— fil-każ ta’ provista ta’ servizzi, il-post fl-Istat Membru fejn, skond il-kuntratt, fejn ġew provduti jew suppost li kienu provduti servizzi;

ċ) jekk sub-paragrafu (b) ma japplikax, japplika s-sub-paragrafu (a);

[...]

3) f’materji li għandhom x’jaqsmu ma’ tort, delitt jew kwasi delitt, fil-qrati tal-post fejn l-effett ta’ ħsara [l-avveniment dannuż] [i]kun twettaq jew jista’ jitwettaq”.

13. L-Artikolu 6(1) tal-imsemmi regolament, li jappartjeni għall-istess sezzjoni, jipprovdi li “[p]ersuna li tkun domiċiljata fi Stat Membru tista’ wkoll tiġi mfittxija [...] meta tkun waħda minn numru ta’ konvenuti, fil-qrati tal-post fejn wieħed minnhom jkun domiċiljat, basta illi t-talbiet ikunu marbuta hekk mill-qrib li jkun aktar espedjenti li jinstemgħu u jiġu determinati flimkien sabiex jevitaw ir-riskju ta’ ġudizzji irrikkonċiljabbli li jirriżultaw minn proċedimenti separati”.

## III – Il-kawża prinċipali, id-domanda preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

14. M. Melzer, li huwa ddomiċiljat f’Berlin (il-Ġermanja), kien ġie avviċinat telefonikament u l-fajl tiegħu ġie segwit mill-kumpannija Weise Wertpapier Handelsunternehmen (iktar ’il quddiem “W.W.H.”), li l-uffiċċju rreġistrat tagħha jinsab f’Düsseldorf. Hija fetħet kont f’isem M. Melzer ma’ MF Global UK Ltd (iktar’il quddiem “MF Global UK”), kumpannija ta’ senserija finanzjarja stabbilita f’Londra (ir-Renju Unit), li eżegwiet bi ħlas operazzjonijiet fis-suq tad-derivati minn dan il-kont għall-persuna kkonċernata.

15. Bejn l-2002 u l-2003, M. Melzer għamel ħlasijiet fl-imsemmi kont li ammontaw għal total ta’ EUR 172 000. Fid-9 ta’ Lulju 2003, MF Global UK ħallsitu s-somma ta’ EUR 924.88. Hija bagħtitlu fattura ta’ USD 120 bħala kummissjoni, li minnhom hija żammet USD 25 u bagħtet lil W.W.H. il-bilanċ ta’ USD 95.

16. M. Melzer fetaħ kawża quddiem il-Landgericht Düsseldorf fejn talab li MF Global UK tiġi kkundannata tħallsu d-danni u l-interessi abbażi tad-differenza bejn dak li kien ħallas u dak li rċieva fil-kuntest ta' dawn it-tranżazzjonijiet, jiġifieri s-somma ta' EUR 171 075.12 flimkien mal-interessi [9].

17. Insostenn tat-talbiet tiegħu, M. Melzer argumenta li huwa ma kienx ġie informat b'mod suffiċjenti dwar ir-riskji marbuta mat-tranżazzjonijiet fis-suq tad-derivati, li jikkonsistu f'kuntratti ta' opzjonijiet, la minn W.W.H. u lanqas minn MF Global UK. Huwa sostna li d-dokumenti mibgħuta minn W.W.H. [10] ma kinux jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' informazzjoni suffiċjenti għall-klijent fuq l-imsemmija riskji kif jidher meħtieġ mill-ġurisprudenza Ġermaniża. Huwa jallega wkoll li lanqas ma ġie informat b'mod oġġettiv dwar il-ftehim ta' kummissjonijiet moħbija, l-hekk imsejjaħ "kickback agreement", iffirmat bejn MF Global UK u W.W.H., u dwar il-kunflitt ta' interessi li jirriżultaw minn dan. Barra minn hekk, M. Melzer sostna li l-kummissjoni kkalkulata minn MF Global UK kienet eċċessiva. Huwa argumenta li din tal-aħħar kellha tħallsu danni u interessi abbażi ta' assistenza intenzjonali u illeċita fit-twettiq tad-dannu kkawżat minn W.W.H.

18. MF Global UK ikkontestat il-kompetenza *ratione loci* tal-Landgericht Düsseldorf u talbet li r-rikors jiġi miċħud fuq il-mertu.

19. Il-qorti tar-rinviju rrilevat li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 44/2001 huma applikabbli fil-kuntest tal-kawża prinċipali, peress li l-konvenut huwa persuna ġuridika li l-uffiċċju rreġistrat tagħha jinsab fi Stat Membru. Waqt li ppreċiżat li ebda klawsola ta' ġurisdizzjoni ma tista' tkun applikabbli f'dan il-każ [11], hija tikkunsidra li l-ġurisdizzjoni internazzjonali tal-qrati Ġermaniżi hija bbażata fuq l-Artikolu 5(3) tal-imsemmi regolament minħabba li d-dannu seħħ fil-Ġermanja. Hija tiddikjara li skont M. Melzer, id-dannu finanzjarju li għalih huwa qed jitlob kumpens seħħ fil-Ġermanja peress li kien minn hemmhekk li huwa għamel it-trasferimenti lejn il-kont tiegħu f'Londra u peress li d-dannu mġarrab mill-bilanċ ta' kreditu tiegħu seħħ fil-kont bankarju tiegħu f'dak l-Istat Membru.

20. Min-naħa l-oħra, hija tesprimi dubji dwar il-ġurisdizzjoni territorjali tagħha abbażi tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 44/2001. Hija tfakkar li skont din id-dispożizzjoni, konvenut jista' jiġi mfittex, skont l-għażla tar-rikorrent, jew quddiem il-qorti tal-"post fejn isseħħ il-ħsara", jew inkella quddiem il-qorti tal-"post fejn twettaq l-avveniment kawżattiv", meta dawk il-postijiet ma jkunux identiċi. L-istess qorti hija tal-fehma li l-ħsara seħħet f'Berlin, fejn M. Melzer huwa ddomiċiljat, u mhux f'Düsseldorf, fejn hija tinsab stabbilita. Minħabba din is-sitwazzjoni tal-"post fejn isseħħ il-ħsara", il-"post fejn twettaq l-avveniment kawżattiv" huwa determinanti f'din il-kawża. Hija tikkonkludi li peress li MF Global UK topera biss f'Londra, il-kompetenza territorjali tista' tiġi bbażata biss fuq l-attività ta' W.W.H. f'Düsseldorf.

9 — Matul is-seduta, ir-rappreżentant ta' M. Melzer sostna li huwa kien għażel li ma jfittix lil W.W.H. għaliex din il-kumpannija kienet insolventi fil-mument meta ressaq l-azzjoni ġudizzjarja tiegħu (id-data meta tressqet il-kawża quddiem il-Landgericht Düsseldorf ma ġietx ippreċiżata fid-deċiżjoni tar-rinviju, iżda peress li din hija ddatata 29 ta' April 2011, jidher li l-kawża nfetħet f'dak il-perijodu), waqt li skont l-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, huwa indika li MF Global UK ilha fi stralċ sa mill-31 ta' Diċembru 2011.

10 — Id-deċiżjoni tar-rinviju tiċċita f'dan ir-rigward il-"Kuntratt dwar in-negozjar ta' operazzjonijiet tas-suq tad-derivati", il-fuljett bit-titolu "Ħarsa lejn ir-riskji marbuta mal-operazzjonijie tal-borża" u l-iskeda informattiva dwar "Informazzjoni importanti dwar ir-riskji ta' telf fil-kuntest tal-operazzjonijiet tal-borża".

11 — Peress li taf li klawsola ta' ġurisdizzjoni tinsab f'wieħed mill-kuntratti ffirmati, il-qorti tar-rinviju b'hekk twarrab indirettament il-bażi kuntrattwali tar-responsabbiltà invokata.

21. Skont il-qorti tar-rinviju, dak il-fattur ta' determinazzjoni jeżisti taħt id-dritt Ġermaniż, peress li huwa previst li f'każ ta' parteċipazzjoni ta' diversi persuni f'att dannuż, kull persuna hija koresponsabbli għall-kontribut tal-oħrajn fit-twettiq ta' dak l-att. Hija tgħid li f'dan il-każ, fid-dawl tal-allegazzjonijiet ta' M. Melzer li MF Global UK intenzjonalment ta' mill-inqas assistiet lil W.W.H. fit-twettiq tal-atti illeċiti li din tal-aħħar wettqet fil-Ġermanja u b'mod iktar preċiż f'Düsseldorf, huwa konċepibbli li l-kompetenza tal-imsemmija qorti tkun ibbażata fuq il-post fejn twettqu l-azzjonijiet ta' dak il-koawtur jew kompliċi [12].

22. Peress li r-Regolament Nru 44/2001 ma jinkludi ebda regola ta' determinazzjoni ta' dan it-tip għal azzjoni minn terz li tiġġustifika kompetenza internazzjonali jew lokali, tqum il-kwistjoni jekk l-Artikolu 5(3) ta' dan ir-regolament għandux jiġi interpretat fis-sens li l-att doluż ta' awtur prinċipali jew ta' kompliċi jistax jiġġustifika wkoll kompetenza internazzjonali jew territorjali fir-rigward tal-konvenut. Il-qorti tar-rinviju tissottometti li teżisti diverġenza ta' opinjonijiet fuq dan is-suġġett kemm fil-ġurisprudenza nazzjonali kif ukoll fid-duttrina.

23. F'dan il-kuntest, permezz ta' deċiżjoni rreġistrata fis-16 ta' Mejju 2011, il-Landgericht Düsseldorf iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"Fil-kuntest tal-ġurisdizzjoni f'materji li għandhom x'jaqsmu ma' tort, delitt jew kważi delitt fis-sens tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament [Nru 44/2001], fil-każ ta' parteċipazzjoni transkonfinali ta' diversi persuni fl-istess att illegali, huwa possibbli li għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-post fejn l-effett ta' ħsara [l-avveniment dannuż] [i]kun twettaq tittieħed inkunsiderazzjoni determinazzjoni alternattiva tal-post post fejn ikun twettaq l-att?"

24. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub lill-Qorti tal-Ġustizzja minn M. Melzer u minn MF Global UK, mill-gvernijiet tal-Ġermanja, tal-Portugall u dak tar-Repubblika Ċeka, mill-Konfederazzjoni Svizzera, kif ukoll mill-Kummissjoni Ewropea.

25. Matul is-seduta li saret fil-5 ta' Lulju 2012, M. Melzer, MF Global UK, il-Gvern Ġermaniż u l-Kummissjoni kienu rrappreżentati.

## IV – Analiżi

26. Meta titqies il-formulazzjoni tad-domanda magħmula, li l-parametri tagħha jistgħu jidhru kemxejn vagi, jidhirli li huwa neċessarju li nibda billi niċċara eżattament is-suġġett kif ukoll il-kwistjonijiet li jirriżultaw minn din it-talba għal deċiżjoni preliminari, qabel ma nipproponi r-risposta li għandha tingħata.

### A – *Fuq il-portata tad-domanda preliminari*

27. Din il-kawża qed issir fil-kuntest ta' azzjoni mressqa fuq il-bażi ta' responsabbiltà għal delitt. Minn qari tal-Artikoli 2 flimkien mal-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 44/2001 jirriżulta li f'dan il-każ, persuna ddomiċiljata fit-territorju ta' Stat Membru tista' tiġi mfittxija, skont kif jagħżel l-awtur, jew quddiem il-qrati tal-Istat Membru li fit-territorju tiegħu hija tkun iddomiċiljata, jew quddiem qorti li tinsab fi Stat Membru ieħor, jiġifieri dak li fit-territorju tiegħu jkun jinsab il-"post fejn l-effett tal-ħsara [l-avveniment dannuż] [i]kun twettaq" jew "jista' jitwettaq".

12 — Nosserva, sa minn dan l-istadju, li minn qari tad-deċiżjoni tar-rinviju, teżisti inċertezza fir-rigward tal-irwoli rispettivi ta' MF Global UK u W.W.H. bħala awtur prinċipali jew kompliċi fl-att dannuż.

28. Din l-aħħar parti, li testendi l-kompetenza tal-forum tad-delitt għal azzjonijiet preventivi, tikkostitwixxi l-unika żieda fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 44/2001 meta mqabbel mal-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni ta' Brussell[13], li dan ir-regolament issostitwixxa. Minkejja dan l-element li ddaħħal[14], li barra minn hekk ma huwiex rilevanti għal din il-kawża, l-imsemmija dispożizzjonijiet huma ekwivalenti fis-sustanza, kif ġie rrikonoxxut mill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod li l-ġurisprudenza dwar l-interpretazzjoni tar-regola tal-kompetenza stabbilita mill-konvenzjoni tgħodd ukoll għal dik tar-regolament[15].

29. Meta wieħed josserva li fil-kawża prinċipali, M. Melzer huwa mingħajr dubju marbut b'kuntratt ma' MF Global UK kif ukoll ma' W.W.H., jista' jidher *a priori* sorprendenti li l-qorti tar-rinviju ma kkunsidratx li l-punt 1 tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 44/2001, li jirrigwarda l-ġurisdizzjoni f'materji kuntrattwali, jista' jkun applikabbli għal dan il-każ, ta' mill-inqas flimkien mal-punt 3 tal-imsemmi artikolu, dwar il-ġurisdizzjoni f'materja ta' delitt[16]. MF Global UK tifformula osservazzjonijiet preliminari f'dan is-sens, fejn tgħid li jkun utli li ssir distinzjoni bejn il-kampijiet ta' applikazzjoni rispettivi tal-punti 1 u 3 tal-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament. Minkejja din l-osservazzjoni, fi kwalunkwe każ minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li hija biss il-qorti tar-rinviju li tiddetermina s-suġġett tat-talba tagħha għal deċiżjoni preliminari u li peress li d-domanda preliminari ma ġietx ifformulata f'dawk it-termini minn dik il-qorti, ma hemmx lok li l-Qorti tal-Ġustizzja tieħu pożizzjoni dwar punt imqajjem minn waħda mill-partijiet fil-kawża prinċipali[17].

30. Il-qorti tar-rinviju tindika fl-ewwel lok li l-kompetenza internazzjonali tal-qrati Ġermaniżi, meħuda bħala ħaġa waħda, ma toħolqilhiex problemi. Hija tal-fehma li dik il-ġurisdizzjoni hija fatt inkontestabbli, meta jitqies il-fatt li l-post fejn twettaq l-avveniment dannuż, fis-sens tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 44/2001, huwa Berlin, il-belt fejn jinsabu kemm id-domiċilju ta' M. Melzer kif ukoll il-kont bankarju tiegħu minn fejn ġew iffinanzjati t-tranżazzjonijiet inkwistjoni.

31. Madankollu, il-Kummissjoni esprimiet opinjoni kuntrarja, u sostniet li s-sentenza Kronhofer[18] ma tippermettix li tiġi attribwita kompetenza lill-qorti li fit-territorju tagħha jkun jinsab id-domiċilju tar-rikorrent bħala l-post fejn ikun jinsab "iċ-ċentru tal-patrimonju tiegħu", għas-sempliċi raġuni li huwa jkun ġarrab hemmhekk dannu finanzjarju li jirriżulta minn telf ta' elementi tal-patrimonju tiegħu li jkun seħħ u ġie mġarrab fi Stat Membru ieħor, meta l-elementi kollha li jikkostitwixxu r-responsabbiltà jkunu jinsabu fit-territorju ta' dan tal-aħħar[19].

13 — Konvenzjoni tas-27 ta' Settembru 1968 dwar il-ġurisdizzjoni u l-eżekuzzjoni ta' deċiżjonijiet f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU 1972, L 299, p. 32), kif emendata mill-konvenzjonijiet suċċessivi dwar l-adeżjoni ta' Stati Membri ġodda għal dik il-konvenzjoni (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Brussell").

14 — Element li huwa biss relattivament ġdid peress li l-prinċipju kien diġà ġie stabbilit skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-interpretazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Brussell, għalkemm kien għad fadal ċerta ambigwità f'dan ir-rigward min-naħa tal-Kummissjoni [ara l-proposta għar-Regolament tal-Kunsill (KE) dwar il-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet f'materji ċivili u kummerċjali COM(1999) 348 finali, p. 15].

15 — Ara s-sentenza Folien Fischer u Fofitec, iċċitata iktar 'il fuq (punti 31 u 32 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

16 — Fil-fatt, id-*dolus* jew il-*culpa in contrahendo* allegati minn M. Melzer jinsabu f'kuntest fejn in-negozjati bejn il-partijiet waslu għall-konklużjoni ta' kuntratt. Każ oppost, fis-sentenza tas-17 ta' Settembru 2002, Tacconi (C-334/00, Ġabra p. I-7357), jindika li fl-ipoteżi fejn ma jkunx hemm ftehim konkluż mat-tmiem tan-negozjati biex isir kuntratt, l-azzjoni li permezz tagħha r-responsabbiltà prekuntrattwali tal-konvenut tkun invokata ma taqax taħt materja kuntrattwali iżda taħt materja ta' delitt jew kważi-delitt.

17 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-20 ta' Marzu 1997, Phytheron International (C-352/95, Ġabra p. I-1729, punt 14) u tas-16 ta' Settembru 1999, WWF *et* (C-435/97, Ġabra p. I-5613, punt 29).

18 — Sentenza tal-10 ta' Ġunju 2004, Kronhofer (C-168/02, Ġabra p. I-6009, punti 18 *et seq*).

19 — Il-Kummissjoni tippreċiża li anki jekk il-konsegwenzi negattivi tal-atti dannużi, jiġifieri t-transazzjonijiet fil-borża b'riskju għoli mwettqa fir-Renju Unit minn MF Global UK, inħassu b'riperkussjoni fil-Ġermanja għal M. Melzer, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dan il-fatt ma joffrix punt ta' determinazzjoni li fuqu tista' tiġi bbażata l-ġurisdizzjoni tal-qrati Ġermaniżi abbażi tal-imsemmi Artikolu 5(3) meta kemm il-fatt kawżattiv kif ukoll il-ħsara kollha seħħu fit-territorju tar-Renju Unit.

32. Jiena naqbel mal-Kummissjoni li d-dannu finanzjarju li għalih M M. Melzer qed jitlob kumpens, li jikkonsisti fit-telf ta' parti mill-kapital li huwa investa, jidher li seħħ f'Londra, u mhux f'Berlin. Fil-fatt, il-fondi inkwistjoni tpoġġew f'kont li nfetaħ mal-kumpannija tas-senserija finanzjarja f'Londra u ntilfu hemmhekk, inkwantu l-eżekuzzjoni tal-kuntratt ta' opzjoni, jew l-iskadenza tat-terminu tal-opzjoni, kellhom ir-riżultat li s-somom ittrasferiti f'dak il-kont kienu inqas minn dawk li ġew investiti.

33. Mid-deċiżjoni tagħha jirriżulta li l-qorti tar-rinviju qed tistaqsi biss dwar il-kompetenza "territorjali" tagħha jew, fi kliem ieħor, fuq livell nazzjonali, fis-sens li hija qed tistaqsi jekk hijiex il-qorti li, fost il-qrati Ġermaniżi kollha, għandha tiddeċiedi skont l-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 44/2001.

34. Fuq dan is-suġġett, għandha tiġi enfasizzata d-differenza fil-kontenut tad-dispożizzjonijiet tal-imsemmi regolament, b'mod partikolari l-Artikolu 2(1) li jiddetermina l-ġurisdizzjoni tal-qrati kollha ta' Stat Membru[20], minn naħa waħda, u, min-naħa l-oħra l-punti 1 u 3 tal-Artikolu 5, li jirreferu għal qorti speċifika, iddefinita skont il-post ma' fejn il-kawża tkun partikolarment marbuta[21]. B'hekk, id-dispożizzjoni li qed tintalab interpretazzjoni tagħha effettivament tippermetti, kif tixtieq il-qorti tar-rinviju, li tiġi identifikata l-kompetenza *ratione loci* ta' qorti partikolari, fost il-qrati ta' Stat Membru li għandhom kompetenza *ratione materiae*, u dan b'mod dirett. Għalhekk, l-invokazzjoni tal-kunċett ta' kompetenza internazzjonali bħala stadju preliminari fir-raġunament li għandu jiġi adottat għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' dik id-dispożizzjoni, kif għamlet il-qorti tar-rinviju, jidhirli li hija inutli u saħansitra żbaljata.

35. B'mod konkret, id-diffikultà ta' din il-qorti hija jekk, fil-kawża transkonfinali li hija għandha quddiemha, huwiex possibbli tiġi stabbilita f'Düsseldorf, abbażi tal-post fejn aġixxa wieħed miż-żewġ awturi allegati tad-dannu — inkwantu din il-belt hija l-belt fejn jinsab l-uffiċċju rreġistrat ta' W.W.H. — ġurisdizzjoni kontra l-awtur l-ieħor tal-avveniment dannuż — jiġifieri MF Global UK — li mid-dehra kienet teżerċita l-attività tagħha biss fir-Renju Unit.

36. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar hawnhekk li r-Regolament Nru 44/2001 jipprovdi li l-persuna li tixtieq tikseb kumpens għal dannu abbażi ta' delitt għandha żewġ alternattivi prinċipali li jikkonsistu f'li tagħżel jew il-qorti tal-post fejn ikun jinsab id-domiċilju tal-konvenut skont l-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 44/2001, jew inkella li tuża l-ġurisdizzjoni speċjali bbażata fuq l-Artikolu 5(3) tal-imsemmi regolament.

37. Din l-aħħar bażi ta' kompetenza tista' wkoll tinqasam f'żewġ fergħat prinċipali, jew iktar jekk jitqiesu l-kawżi speċifiċi li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja fformulat kriterji ta' determinazzjoni kumplimentari[22], fl-ipoteżi fejn l-elementi li jikkostitwixxu delitt, u b'hekk il-fatturi ta' determinazzjoni, ikunu mifruxa bejn diversi Stati Membri. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat b'mod kostanti l-espressjoni "post fejn l-effett tal-ħsara [l-avveniment dannuż] [i]kun twettaq", użata fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 44/2001, bħala li tirreferi f'tali ipoteżi kemm għall-post fejn isseħħ il-ħsara, jiġifieri l-Istat Membru fejn l-avveniment annuż ikun ipproduċa direttament l-effetti negattivi

20 — It-terminoloġija użata f'dik id-dispożizzjoni, jiġifieri "il-qrati ta' dak l-Istat Membru", tindika li din qed tistabbilixxi regola ta' natura ġenerali, inkwantu tindika s-sistema ġudizzjarja ta' Stat Membru meħud bħala ħaġa sħiħa, waqt li huwa ppreċiżat li l-kompetenza fuq livell lokali hija ddeterminata b'riferiment għar-regoli proċedurali nazzjonali li jiddefinixxu l-kunċett ta' domiċilju, skont l-Artikolu 59 tar-Regolament Nru 44/2001.

21 — Billi jindikaw li r-rikorrent jista' jaġixxi "quddiem il-qorti" tal-post fejn ikunu jinsabu rispettivament l-obbligu u l-avveniment dannuż, dawn id-dispożizzjonijiet jifformulaw regola ta' kompetenza ta' natura speċjali.

22 — Il-ġurisprudenza żviluppat b'mod partikolari minħabba problemi partikolari li jinħolqu biex jiġi stabbilit il-post ta' delitti transkonfinali mwettqa permezz tal-istampa jew tat-telekomunikazzjonijiet (radju, televiżjoni jew internet), fid-direzzjoni tas-sentenza tas-7 ta' Marzu 1995, Shevill *et* (C-68/93, Ġabra p. I-415). B'hekk, f'każ ta ksur tad-drittijiet tal-personalità permezz ta' kontenut li jittella' fuq sit internet, ġie deċiż li l-qorti tal-post fejn il-vittma għandha ċ-ċentru tal-interessi tagħha tista' wkoll ikollha ġurisdizzjoni (ara s-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2011, eDate Advertising u Martinez, C-509/09 u C-161/10, Ġabra p. I-10269, punti 47 *et seq*).

tiegħu għall-vittma, minn naħa waħda, u l-post fejn twettaq l-avveniment kawżattiv tad-dannu, jiġifieri l-Istat Membru minn fejn oriġina l-avveniment dannuż minħabba atti mwettqa mill-awtur tad-delitt, min-naħa l-oħra[23]. Minn dan jirriżulta li l-konvenut jista' jiġi mfittex, skont l-għażla tar-rikorrent, quddiem il-qrati li fit-territorju tagħhom jinsab wieħed jew l-ieħor minn dawn il-postijiet.

38. F'dan il-każ, il-fatti tal-kawża prinċipali huma dawn li ġejjin. Il-post fejn seħħet il-ħsara, li jikkorrispondi għall-ewwel fergħa msemmija iktar 'il fuq, jinsab fil-Ġermanja skont il-qorti tar-rinviju, li tikkunsidra li d-dannu allegat seħħ b'mod iktar preċiż f'Berlin, minħabba li huwa hemmhekk fejn M. Melzer għandu d-domiċilju u l-kont bankarju tiegħu li ġie ddebitat[24], u mhux f'Düsseldorf. Konsegwentement, sabiex tistabbilixxi l-ġurisdizzjoni tagħha, il-Landgericht Düsseldorf tipprova tidentifika jekk f'dan il-każ jeżistix bażi ta' kompetenza li jista' jiġi bbażat fuq it-tieni waħda mill-fergħat imsemmija hawn fuq, meta jitqiesu l-atti illeċiti mwettqa mill-allegati awturi tad-delitt. Il-post tal-fatti li kkawżaw il-ħsara jista' għalhekk ikun jinsab jew f'Londra, peress li l-operazzjonijiet ta' senserija finanzjarja saru hemmhekk minn MF Global UK, jew f'Düsseldorf, bħala l-belt fejn jinsab l-uffiċċju rreġistrat ta' W.W.H., kumpannija li ma ġietx imfittxija li kkollaborat mal-uniku konvenut.

39. Għandu jiġi ddeterminat jekk l-atti mwettqa mill-kumpannija stabbilita f'Düsseldorf, jiġifieri l-kuntatt inizjali mal-klijent u s-segwiment tal-fajl tiegħu, kif ukoll il-fatt li ġie mħeġġeġ biex jaġixxi b'mod ferm riskjuż, jistgħu jitqiesu li jagħmlu parti mill-fatti li kkawżaw id-dannu mġarrab minn dan il-klijent. B'mod speċjali, il-Qorti tal-Ġustizzja hija mitluba tiddikjara jekk il-post fejn seħħew dawn l-atti jistax iservi bħala bażi fih innifsu sabiex il-Landgericht Düsseldorf ikun jista' jiddeċiedi dwar ir-responsabbiltà doluża tal-kumpannija stabbilita fir-Renju Unit, li hija l-unika waħda mit-tnejn li nfetħet kawża kontriha, minħabba l-imputazzjoni għal din tal-aħħar tal-aġir tal-kumpannija Ġermaniża, li hija allegatament l-awtur l-ieħor tad-dannu.

40. B'hekk, jidher li d-domanda preliminari hija llimitata għall-interpretazzjoni tal-kunċett tal-post fejn twettaq l-avveniment kawżattiv tad-dannu fl-ipoteżi fejn tliet fatturi kumplessi huma sodisfatti: fl-ewwel lok, firxa bejn diversi Stati Membri tal-postijiet fejn seħħew l-atti li kkawżaw id-dannu; fit-tieni lok, akkumulazzjoni ta' responsabbiltajiet, jiġifieri każ fejn ma jkunx hemm awtur wieħed biss li wettaq dawk l-atti, iżda diversi persuni li huma koawturi jew kompliċi, u fit-tielet lok, azzjoni legali kontra wieħed biss mill-awturi allegati tad-dannu, u dan fl-Istat Membru fejn awtur ieħor ikun eżerċita l-attività tiegħu. Għalkemm l-ewwel tnejn minn dawn l-elementi diġà ġew eżaminati minn diversi angoli fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kumbinazzjoni tagħhom mat-tielet wieħed għadha qatt ma saret.

41. Fid-dawl tal-elementi tal-proċess, għandha tiġi rrilevata problema partikolari fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-pożizzjonijiet ġuridiċi rispettivi ta' MF Global UK u W.W.H., fis-sens li, fl-osservazzjonijiet ipprovduti lill-Qorti tal-Ġustizzja, spiss issir konfużjoni bejn l-awtur prinċipali u l-kompliċi jew koawtur tad-delitt ċivili inkwistjoni. Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li għalkemm M. Melzer qed jitlob li jiġi kkumpensat biss minn MF Global UK, li f'għajnejh b'hekk tidher li kellha rwol determinanti fit-twettiq tad-dannu, W.W.H. hija pjuttost l-awtur prinċipali waqt li Global UK hija ta' mill-inqas kompliċi, skont l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrent. Hu x'inhu l-każ, id-domanda preliminari hija fformulata b'mod wiesgħa biżżejjed biex tinkludi ż-żewġ każijiet li huma l-kompliċità jew il-koazzjoni tal-persuna li ma nfetħitx kawża kontriha. Għaldaqstant, ir-risposta proposta f'dawn il-konklużjonijiet ser tingħata waqt li jiġi kkunsidrat dan l-aspett doppju.

23 — Alternattiva doppja li għandu r-rikorrent li ġiet akkwistata wara s-sentenza Bier, iċċitata iktar 'il fuq (punt 19), fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni ta' Brussell, u msemmija diversi drabi, b'mod partikolari fis-sentenza Folien Fischer u Fofitec, iċċitata iktar 'il fuq (punti 39 u 40).

24 — Għar-raġunijiet imsemmija fil-punti 31 u 32 ta' dawn il-konklużjonijiet, il-fatt li l-kont bankarju tal-allegata vittma preżunta jkun jinsab fit-territorju ta' Stat Membru ma jistax jikkostitwixxi fattur ta' determinazzjoni suffiċjenti biex tiġi bbażata l-kompetenza ta' qorti ta' dak l-Istat, meta titqies in-natura imprevedibbli ta' dak il-kriterju.

42. B'hekk, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi dwar jekk huwiex possibbli li titressaq kawża quddiem il-qorti li fit-territorju tagħha kompliċi jew koawtur ikun wettaq aġir illeċitu f'każ ta' fatti kawżattivi multipli li jkunu jinsabu fi Stati Membri differenti. B'mod iktar preċiż, dan ikun ifisser li jittieħed f'kunsiderazzjoni l-post tal-avveniment kawżattiv tad-dannu riżultanti ta' wieħed mill-parteċipanti fid-dannu, u dan mingħajr ma l-allegata vittma tkun obbligata li tiftaħ kawża kontra dak il-kompliċi jew koawtur, kif huwa l-każ fil-kawża prinċipali.

43. Fi kliem ieħor, din il-qorti tixtieq li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrikonoxxi possibbiltà addizzjonali li tintgħażel qorti fl-ipoteżi fejn konvenuti ddomiċiljati fi Stati Membri differenti jkunu koresponsabbli għal att doluż, billi tiġi rrikonoxxuta "*determinazzjoni alternattiva għall-post fejn twettaq l-effett ta' ħsara [fatt dannuż*]" skont it-termini użati fit-talba għal deċiżjoni preliminari. Minħabba l-introduzzjoni tal-kap ġdid ta' kompetenza li huwa ssuġġerit hawnhekk, hemm twessigħ tal-opzjonijiet li sa issa kienu disponibbli għar-rikorrent mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Fil-fehma tiegħi, dan fir-realtà ma jfissirx li tinħoloq fergħa prinċipali ġdida, li tiżdied ma' dik tal-"post fejn seħħet il-ħsara" u tal-"post fejn twettaq l-avveniment kawżattiv" ta' dik il-ħsara". Dak li huwa propost minn dik il-qorti huwa pjuttost interpretazzjoni estensiva tat-tieni waħda minn dawn il-fergħat, li tikkonsisti eventwalment fir-rikonoxximent li meta jkun hemm parteċipazzjoni transkonfinali ta' diversi awturi ta' att doluż, il-post tal-atti kawżattivi tad-dannu mwettaq minn wieħed minnhom jista' jintuża bħala bażi għall-ġurisdizzjoni ta' qorti fil-konfront ta' awtur ieħor.

B – *Fuq ir-risposta għad-domanda preliminari*

1. Il-pożizzjonijiet differenti meħuda

44. Fuq qari tal-osservazzjonijiet li ġew ippreżentati lill-Qorti tal-Ġustizzja, hemm żewġ pożizzjonijiet kontrastanti: M. Melzerv kif ukoll il-gvernijiet tal-Ġermanja, tar-Repubblika Ċeka u dak tal-Portugall, kif ukoll tal-Konfederazzjoni Svizzera jipproponu li għandha tiġi rrikonoxxuta l-bażi ta' kompetenza ġdida prevista mill-qorti tar-rinviju, waqt li MF Global UK u l-Kummissjoni huma tal-fehma li għandha tingħata risposta negattiva għad-domanda magħmula.

45. Mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni tagħha jirriżulta li, min-naħa tagħha, il-qorti tar-rinviju donnha xxaqleb favur il-possibbiltà ta' determinazzjoni tal-ġurisdizzjoni internazzjonali, liema determinazzjoni hija tikkwalifika bħala "alternattiva", għall-post fejn twettaq l-avveniment kawżattiv tad-dannu minn allegat koawtur jew kompliċi, anki jekk huwa ma jkunx konvenut fil-kawża.

46. Din id-direzzjoni, kif ukoll il-proprju *raison d'être* tad-domanda preliminari, hija spjegata fid-dawl tal-elementi pprovduti mil-Landgericht Düsseldorf fir-rigward tal-kontenut tad-dritt nazzjonali. Fil-fatt, jidher li l-Artikolu 830 tal-Kodiċi Ċivili Ġermaniż (Bürgerliches Gesetzbuch) jipprovdi li meta diversi persuni jipparteċipaw konġuntament fit-twettiq ta' att dannuż, kull awtur jew kompliċi jitqies bħala responsabbli għall-kontribut tal-persuni l-oħrajn għal dak l-att. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tippreċiża li skont l-Artikolu 32 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili Ġermaniż (Zivilprozessordnung), il-ġurisdizzjoni f'materja ta' delitt tista' tkun ibbażata fuq in-nuqqasijiet imwettqa mid-diversi koawturi, meta dak l-aġir ikun imputabbli lilhom b'mod reċiproku.

47. B'hekk, kieku l-kawża prinċipali kienet waħda ta' natura purament interna, fid-dawl tal-allegazzjonijiet ifformulati mir-rikorrent, M. Melzer, kontra l-konvenuta MF Global UK, u kontra l-allegata koawtriċi jew kompliċi tagħha, W.W.H.[25], il-qorti li għandha s-sede tagħha fit-territorju fejn aġixxa wieħed mill-awturi tad-delitt invokat kienet tkun tista', fuq din il-bażi, tiddikjara li għandha ġurisdizzjoni biex tiddeċiedi l-kawża dwar responsabbiltà għal delitt imressqa kontra wieħed mill-koawturi[26].

48. Madankollu, is-soluzzjoni hija ferm inqas ċara meta, bħal f'dan il-każ, is-sitwazzjoni tkun marbuta mat-territorju ta' diversi Stati Membri, minflok ma tkun ristretta fit-territorju Ġermaniż. Fil-fatt, id-deċiżjoni tar-rinviju tenfasizza li jeżistu diverġenzi dwar dan is-suġġett fil-ġurisprudenza Ġermaniża kif ukoll fid-duttrina. Hija tiddikjara li ċerti qrati kkunsidraw li l-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 44/2001 jippermetti li kawża transkonfinali tiġi attribwita għall-post fejn twettaq l-avveniment kawżattiv ta' koawtur jew kompliċi abbażi li l-pern prijoritarju tal-att jew tal-ommissjoni doluż(a) ikun jinsab f'dak il-post[27]. Dawn id-deċiżjonijiet ġew appoġġjati minn uħud mill-ġuristi, waqt li għadd kunsiderevoli ta' ġuristi oħrajn opponew din il-pożizzjoni billi invokaw argumenti li ser nindirizza f'iktar dettall iktar 'il quddiem, peress li jiena naqbel mal-opinjoni ta' dawn tal-aħħar.

49. Huwa f'dan il-kuntest ferm partikolari li jinsab ir-raġunament li wassal għat-talba għal deċiżjoni preliminari. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja lanqas ma hi marbuta mill-approċċ ippreferut fuq livell nazzjonali. Fil-fatt, hija ġurisprudenza stabbilita li l-kunċetti li jinsabu fir-Regolament Nru 44/2001 għandhom jingħataw interpretazzjoni awtonoma, sabiex tiġi ggarantita l-applikazzjoni uniformi tiegħu fl-Istati Membri kollha[28].

2. L-interpretazzjoni proposta

a) Il-linji gwida tal-interpretazzjoni

50. Huwa ċert li l-kunċett ta' "post fejn l-effett tal-ħsara [avveniment dannuż] [i]kun twettaq" li jinsab fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 44/2001 għandu jiġi interpretat b'mod indipendenti mill-kontenut tas-sistemi ġuridiċi tal-Istati Membri, peress li l-implementazzjoni ta' regoli dwar il-ġurisdizzjoni stabbiliti minn dan ir-regolament ma tistax tagħti lok għal partikolaritajiet nazzjonali, għaliex inkella jkun hemm riskju li jintilef l-effett utli ta' unifikazzjoni li huma intiżi li jiksbu[29].

51. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kontenut ta' dispożizzjoni tar-Regolament Nru 44/2001 għandu jiġi analizzat mhux biss fid-dawl tad-diċitura tiegħu, iżda wkoll tas-sistema stabbilita minn dan ir-regolament u tal-objettivi segwiti minnu[30].

25 — Skont id-deċiżjoni tar-rinviju, M. Melzer jallega, minn naħa waħda, li W.W.H. ma onoratx id-dmir tagħha li tagħti informazzjoni u kkawżatlu dannu volontarjament u b'mod illeċitu permezz tal-konklużjoni tal-operazzjonijiet relatati ma' opzjonijiet mingħajr ebda possibbiltà ta' suċċess, bi ksur tal-Artikolu 826 tal-Kodiċi Ċivili Ġermaniż, u min-naħa l-oħra, li MF Global UK volontarjament għenet fit-twettiq ta' dak l-att doluż fil-Ġermanja.

26 — Il-Landgericht Düsseldorf issemmi li, kieku kellu jiġi applikat id-dritt intern Ġermaniż, hija kien ikollha ġurisdizzjoni *ratione loci* biex tiddeċiedi dwar il-kawża li għandha quddiemha inkwantu W.W.H. ikkommettiet f'Düsseldorf l-att dannuż tagħha, jiġifieri meta ġabet lil M. Melzer bħala klijent.

27 — Id-deċiżjoni tar-rinviju tindika b'mod iktar preċiż li fir-rigward ta' sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, kien fil-Ġermanja li kellu jingħeleb l-ostakolu deċiżiv biex l-allegata vittma tinġieb bħala klijent u l-ftuħ ta' kont mal-kumpannija tas-senserija finanzjarja barranija, il-modifika fuq dak il-kont ta' kuntratti ta' opzjonijiet, u l-provvediment ta' fondi għall-investiment f'opzjonijiet mingħajr ma ġie rrimborsat il-valur tal-pożizzjonijiet kontabilizzati.

28 — Ara s-sentenzi tas-6 ta' Settembru 2012, Mühlleitner (C-190/11, punt 28), u Folien Fischer u Fofitec, iċċitata iktar 'il fuq (punt 30), kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata f'dawk is-sentenzi.

29 — Ara l-premessa 2 tal-imsemmi regolament.

30 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-6 ta' Settembru 2012, Trade Agency (C-619/10, punt 27).

52. Qabel xejn, għandu jiġi ppreċiżat li ma naqbilx ma' interpretazzjoni tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 44/2001 li twassal biex jiġi rrikonoxxut, kif huwa previst mil-Landgericht Düsseldorf, li r-rikorrent ikkonċernat jista' validament jagħżel li jressaq kawża quddiem din tal-aħħar bħala l-qorti tal-post fejn kompliċi jew koawtur li ma jkunx konvenut fil-kawża pparteċipa fit-twettiq tal-att dannuż invokat, u mhux sempliċement jagħżel bejn il-qorti tal-post fejn il-konvenut huwa ddomiċiljat, dik tal-post fejn seħħ id-dannu, jew inkella dik tal-post fejn twettaq il-fatt kawżattiv tad-dannu, kif tradizzjonalment mifhum fil-ġurisprudenza. Fil-fatt, din l-interpretazzjoni tkun wisq estensiva fil-fehma tiegħi, u dan fid-dawl tal-elementi analitiċi ta' natura kemm sistemika kif ukoll teleoloġika segwenti[31].

b) L-interpretazzjoni b'riferiment għas-sistema tar-Regolament Nru 44/2001

53. Fl-ewwel lok, nirrileva li fir-Regolament Nru 44/2001 jeżistu dispożizzjonijiet, jiġifieri dawk tal-Artikolu 6(1), li jipprovdu espressament il-fakultà li konvenut jiġi mfittex quddiem qorti li jkollha konnessjoni mal-kawża li tikkonċernah permezz tal-involviment ta' persuna oħra, iżda dik il-kompetenza dderivata teżisti esklużivament f'każ fejn ikun hemm għadd ta' konvenuti bir-riskju ta' deċiżjonijiet irrikonċiljabbli[32], li ma huwiex il-każ fil-kawża prinċipali. Fil-fatt, għal raġuni li ma hijiex ippreċiżata fid-deċiżjoni tar-rinviju[33], M. Melzer għażel li jfittex quddiem il-Landgericht Düsseldorf biss lil MF Global UK li l-uffiċċju rreġistrat tagħha jinsab f'Londra, u mhux lil W.W.H. li hija stabbilita f'Düsseldorf, u dan minkejja li donnu qed jakkuża lill-kumpannija minn Londra biss b'sempliċi kompliċità. Permezz ta' din l-għażla, li tagħha huwa għandu jassumi l-konsegwenzi negattivi li jistgħu jirriżultaw, ir-rikorrent tilef il-possibbiltà li jibbenefika mill-estensjoni tal-kompetenza bbażata fuq il-post tad-domiċilju ta' terz, u b'hekk fil-prattika mill-atti li huwa seta' jeżerċita f'dak il-post, kif awtorizzat mill-Artikolu 6.

54. Barra minn hekk, ir-regola ta' kompetenza speċjali stabbilita mill-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 44/2001, li għandha l-għan li tissalvagwardja l-interessi tal-parti li ma ħaditx l-inizjattiva tal-azzjoni transkonfinali, tipprevedi li fil-prinċipju huma l-qrati tal-Istat Membru fejn jinsab iddomiċiljat il-konvenut li għandhom ġurisdizzjoni. Skont ġurisprudenza stabbilita, meta dispożizzjoni bħall-Artikolu 5(3) tal-imsemmi regolament tiffissa regola ta' ġurisdizzjoni li tippermetti devjazzjoni minn dak il-prinċipju ġenerali, billi tiftaħ possibbiltà lir-rikorrent rigward fejn iressaq azzjoni, dik id-dispożizzjoni għandha tingħata interpretazzjoni stretta, jew restrittiva[34]. Għaldaqstant, il-portata ta' dan l-aħħar artikolu ma tistax titwessa' lil hinn mill-ipoteżijiet previsti b'mod espliċitu mir-Regolament Nru 44/2001[35], għaliex inkella jintilef l-effett utli tal-Artikolu 2 f'dan ir-rigward u tinqabeż l-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni. Peress li l-Qorti tal-Ġustizzja stabbilixxiet li l-kunċett ta' "post fejn l-effett tal-ħsara [att dannuż] [i]kun twettaq" ma jistax jiġi interpretat b'mod wisq estensiv fir-rigward

31 — Fir-rigward tal-ġenesi tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 44/2001, ma jidhirlix li hemm elementi utli li jistgħu jiġu dderivati sabiex tingħata risposta għad-domanda li saret, meta jitqies il-fatt li dan it-test għadu konċiż fl-istat attwali tiegħu. Dwar dan is-suġġett, ara s-sinteżi mogħtija mill-Professur F. Pocar fir-rapport spjegattiv tiegħu dwar il-Konvenzjoni fir-rigward tal-ġurisdizzjoni, ir-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet f'materji ċivili u kummerċjali ffirmata f'Lugano fit-30 ta' Ottubru 2007 (ĠU tat-23 ta' Diċembru 2009, C-319, p. 1, punti 58 *et seq*).

32 — Skont dik id-dispożizzjoni, meta jkun hemm diversi konvenuti, il-qorti tal-post tad-domiċilju ta' wieħed fosthom għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċiedi dwar l-azzjonijiet imressqa mill-istess rikorrent kontra d-diversi konvenuti, kemm-il darba jkun hemm bejniethom rabta ta' konnessjoni b'tali mod li jkun hemm interess li jiġu ġġudikati flimkien sabiex jiġu evitati soluzzjonijiet li jistgħu jkunu irrikonċiljabbli jekk il-kawżi jinqatgħu separatament, u dan anki jekk il-bażijiet ġuridiċi tagħhom ikunu differenti (sentenza tal-11 ta' Ottubru 2007, Freeport, C-98/06, Ġabra p. I-8319, punti 38 *et seq*).

33 — Dwar il-motivazzjonijiet li esprima r-rappreżentant ta' M. Melzer dwar dan is-suġġett, ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 9 ta' dawn il-konklużjonijiet.

34 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-16 ta' Lulju 2009, Zuid-Chemie (C-189/08, Ġabra p. I-6917, punt 22).

35 — Ara, b'analoġija, is-sentenzi tas-17 ta' Settembru 2009, Vorarlberger Gebietskrankenkasse (C-347/08, Ġabra p. I-8661, punt 39), kif ukoll tat-12 ta' Mejju 2011, BVG (C-144/10, Ġabra p. I-3961, punt 30).

tad-determinazzjoni tal-post fejn iseħħ id-dannu[36], fil-fehma tiegħi l-istess għandu japplika fir-rigward tad-determinazzjoni tal-post fejn twettaq l-avveniment kawżattiv tad-dannu, b'mod li ma jistax jiġi aċċettat li l-imputazzjoni lil konvenut ta' atti mwettqa fi Stat Membru ieħor minn terza persuna tista' sservi bħala bażi għall-kompetenza ta' qorti f'materja ta' delitt.

55. Barra minn hekk, kif diġà enfasizzajt, ir-regola stabbilita mill-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 44/2001 tippermetti li tiġi identifikata qorti preċiża, fost il-qrati kollha tal-Istati Membri li għandhom ġurisdizzjoni *ratione materiae*, għall-kuntrarju tal-Artikolu 2 tal-imsemmi regolament. Mill-premessa 12 ta' dan ir-regolament jirriżulta li, b'din il-proċedura, l-għan tal-imsemmi Artikolu 5 huwa li jagħti kompetenza lill-qorti li tkun ġeografikament qrib il-kwistjoni, u li b'hekk tkun fl-aħjar pożizzjoni biex taqta' l-kawża.

56. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet b'mod kostanti li dik ir-regola hija bbażata fuq l-eżistenza ta' konnessjoni partikolarment stretta bejn il-kontestazzjoni u l-qrati tal-post fejn ikun twettaq l-avveniment dannuż, li jiġġustifika l-attribuzzjoni ta' kompetenza lil dawn tal-aħħar għal raġunijiet ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja u ta' organizzazzjoni utli tal-proċess, b'mod partikolari f'termini tal-prossimità mal-kawża u l-amministrazzjoni tal-provi[37].

57. B'hekk, kieku l-bażi ta' ġurisdizzjoni ġdida proposta mill-qorti tar-rinviju kellha tiġi adottata, dan ir-raġunament iwassal biex, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-qorti li tiġi ddikjarata li għandha ġurisdizzjoni abbażi tal-aġir ta' terz li ma jkunx konvenut, f'dan il-każ il-qorti Ġermaniża, tasal biex tieħu deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà ta' konvenut, f'dan il-każ stabbilit fir-Renju Unit, li l-azzjonijiet allegatament illeċiti tiegħu b'hekk ma jkunux qrib iżda mbiegħda mit-territorju ta' dik il-qorti, inkwantu ma huwiex ikkontestat li MF Global UK operat unikament fit-territorju Brittaniku. Fin-nuqqas ta' konnessjoni mal-kwistjoni li tkun sinjifikattiva biżżejjed, dik il-qorti ma tkunx fl-aħjar pożizzjoni oġġettivament biex tiddeċiedi f'tali ċirkustanzi.

58. Bħala konsegwenza, jidhirli li jmur kontra l-ispirtu tar-Regolament Nru 44/2001 jekk tiġi rrikonoxxuta l-ġurisdizzjoni tal-qorti tal-post fejn kull kompliċi jew koawtur tal-awtur prinċipali tad-delitt ikun stabbilit bħala post sussidjarju tal-fatt kawżattiv tad-dannu, u dan minkejja li l-post prinċipali tal-fatt kawżattiv ikun jinsab fi Stat Membru ieħor. Dak l-approċċ huwa kkorroborat minn kunsiderazzjonijiet oħrajn marbuta mal-għan tal-imsemmi regolament.

c) *L-interpretazzjoni b'riferiment għall-objettivi tar-Regolament Nru 44/2001*

59. Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-argumenti ta' natura proċedurali li huma dderivati mill-objettiv ta' amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja msemmi fil-premessa 12 *in fine* tar-Regolament Nru 44/2001, ma nistax nara kif, meta jkun hemm konvenut wieħed biss, bħal f'dan il-każ, l-attribuzzjoni estensiva ta' kompetenza bbażata fuq l-aġir ta' awtur ieħor, li volontarjament ma jiġix imfittex, tista' tirrispondi direttament għal dan l-objettiv. B'mod evidenti, ikun differenti kieku dan isir sabiex jingħaqdu flimkien quddiem l-istess qorti diversi proċeduri kontra diversi konvenuti, iżda din iċ-ċentralizzazzjoni ta' ġurisdizzjoni ma hijiex il-każ f'din il-kawża[38].

36 — Is-sentenza Kronhofer, iċċitata iktar 'il fuq (punt 19), fakkret li dak il-kunċett ma jistax jiġi interpretat b'mod estensiv sal-punt li jħaddan kull post fejn jistgħu jinħassu l-konsegwenzi negattivi ta' dannu li effettivament ikun seħħ f'post ieħor.

37 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tad-19 ta' April 2012, Wintersteiger (C-523/10, punt 18), kif ukoll Folien Fischer u Fofitec, iċċitata iktar 'il fuq (punti 37 u 38).

38 — Ara, b'analoġija, is-sentenza Kronhofer iċċitata iktar 'il fuq (punt 18), li tistabbilixxi li l-għoti ta' ġurisdizzjoni lill-qrati ta' Stat kontraenti minbarra dak li fit-territorju tiegħu jkunu seħħu kemm il-fatt kawżattiv kif ukoll id-dannu ma jissodisfa ebda ħtieġa oġġettiva mill-perspettiva tal-provi jew tal-organizzazzjoni tal-proċess.

60. Kif jagħti x'jifhem il-Gvern Ġermaniż, huwa minnu li l-fatt li tinfetaħ opzjoni supplimentari, taħt il-kundizzjonijiet issuġġeriti mid-domanda preliminari, jista' jissodisfa l-interess, li huwa *a priori* validu, li titwessa' l-għażla tal-parti li tkun allegatament vittma ta' att doluż, sabiex jiġi evitat li jkollha tiftaħ kawża f'post fejn ikun iktar għali jew imprevedibbli għaliha biex tagħmel dan, b'mod partikolari fir-rigward tal-provi li trid tressaq. Madankollu, l-interess li tiġi ffavorita l-vittma ma jikkostitwixxix il-bażi tar-regola ta' ġurisdizzjoni prevista fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 44/2001. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, għall-kuntrarju tad-dispożizzjonijiet l-oħrajn tal-imsemmi regolament, l-objettiv ta' dan tal-aħħar ma huwiex li joffri protezzjoni lill-parti f'kawża li tkun tidher l-iktar dgħajfa [39].

61. L-imperattiv li tiġi ffaċilitata l-ġurisdizzjoni tal-qorti li tkun tinsab l-iktar "qrib" tal-fatti tal-kawża, li huwa espressament previst fil-premessa 12 *in limine* msemmija hawn fuq, pjuttost iwassal biex tingħata risposta negattiva għad-domanda preliminari li saret f'din il-kawża. Fil-fatt, fil-fehma tiegħi għandhom jiġu kkonfinati f'ċerti limiti l-opzjonijiet ta' ġurisdizzjoni offruti lir-rikorrent, u dan anki jekk ikun il-parti li tiddikjara li ġarrbet dannu, sabiex jitnaqqsu r-riskji ta' "forum shopping" [40].

62. Barra minn hekk, huwa essenzjali li jiġi osservat il-prinċipju taċ-ċertezza ġuridika, li ggwida lill-awturi tar-Regolament Nru 44/2001 [41]. L-imperattiv ta' "grad għoli ta' prevedibbiltà" tar-regoli tal-ġurisdizzjoni b'hekk hija enfasizzata mill-premessa 11 tal-imsemmi regolament. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-prinċipju ta' ċertezza ġuridika jeħtieġ li r-regoli ta' kompetenza li jidderogaw mir-regola ġenerali tal-ġurisdizzjoni prevista fl-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament jiġu interpretati b'mod li jippermettu lil rikorrent normalment informat li jipprovdi b'mod raġonevoli quddiem liema qorti, minbarra dawk tal-Istat Membru fejn ikun iddomiċiljat, jistgħu jinfetħu kawżi kontrih [42].

63. Għandu jingħad ukoll li l-intenzjoni tal-abbozzaturi tar-Regolament Nru 44/2001 [43] kienet li jiġu adottati regoli uniformi għall-finijiet li "jiġi żgurat bilanċ raġonevoli bejn l-interessi tal-persuna li r-responsabbiltà tagħha tiġi invokata u dawk tal-persuna leża" [44]. Ir-riċerka ta' dan il-bilanċ għandha wkoll, fil-fehma tiegħi, tiggwida lill-Qorti tal-Ġustizzja fl-interpretazzjoni tagħha tal-Artikolu 5(3) tal-imsemmi regolament.

64. Ċerta prevedibbiltà tal-ġurisdizzjoni valida f'materja ta' delitt hija neċessarja għall-allegat awtur ta' dannu, għaliex fin-nuqqas, dan jista' jiskoraġġixxi lill-operaturi ekonomiċi milli jwettqu attivitajiet transkonfinali. Il-fatt li rikorrent jitħalla jressaq kawżi quddiem kwalunkwe qorti ta' Stat Membru li fit-territorju tagħha kwalunkwe koawtur jew kompliċi jkun ipparteċipa fit-twettiq ta' att doluż, mingħajr ma dan tal-aħħar ikun konvenut fil-kawża, jidhirli li huwa eċċessiv fid-dawl tal-prinċipji ta' ċertezza ġuridika u ta' bilanċ bejn l-interessi tal-partijiet.

39 — Ara s-sentenza Folien Fischer u Fofitec, iċċitata iktar 'il fuq (punti 45 u 46 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

40 — Din il-problema kienet prevista mill-Parlament Ewropew li, fil-kuntest tax-xogħol li kien qed isir dak iż-żmien għar-riformulazzjoni tar-Regolament Nru 44/2001, kien ippropona li jiddaħħal rekwiżit ta' "rabta suffiċjenti, sostanzjali u sinjifikattiva" sabiex tiġi limitata l-possibbiltà li wieħed jirrikorri għal 'forum shopping'" f'materja ta' delitt. Ara r-riżoluzzjoni tas-7 ta' Settembru 2010 dwar l-implementazzjoni u r-reviżjoni tar-Regolament Nru 44/2001 [2009/2140(INI), P7_TA(2010)0304, premessa Q u punt 25].

41 — B'hekk, fil-proposta tagħha iktar'il fuq li wasslet għall-adozzjoni tar-Regolament Nru 44/2001, il-Kummissjoni rreferiet għaċ-"ċertezza ġuridika fil-qasam tal-ġurisdizzjoni" u għall-objettiv li "jiġu ddefiniti regoli ta' ġurisdizzjoni ċari" [COM (1999) 348 finali, punt 1.1].

42 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenza tal-1 ta' Marzu 2005, Owusu (C-281/02, Ġabra p. I-1383, punt 40). Fil-fatt, l-objettiv ta' ċertezza ġuridika ma jistax jinftiehem bħala li huwa intiż esklużivament biex jippermetti lir-rikorrent biex jidentifika l-qorti li quddiemha huwa jista' jirrikorri, kif ifakkru, *inter alia,* is-sentenzi iċċitati iktar 'il fuq Kronhofer (punt 20) kif ukoll Folien Fischer u Fofitec (punt 33).

43 — Fil-fatt, il-proposta tal-Kummissjoni msemmija iktar 'il fuq li wasslet għar-Regolament Nru 44/2001 "tinkorpora s-sustanza tal-ftehim li ntlaħaq fi ħdan il-Kunsill dwar il-bilanċ neċessarju bejn l-interessi tal-partijiet li jistgu jkunu involuti f'kawża" [COM (1999) 348 finali, punt 2.1].

44 — Skont il-formola bbażata, b'analoġija, fuq il-premessa 16 tar-Regolament (KE) Nru 864/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Lulju 2007, dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali (Ruma II), ĠU L 199, p. 40.

65. Kif ġie rrilevat fir-rapport dwar l-applikazzjoni konkreta tar-Regolament Nru 44/2001[45], multiplikazzjoni kważi infinita tal-bażijiet ta' ġurisdizzjoni validi f'materja ta' delitt tista' ġġiegħel lil persuna miżmuma responsabbli biex ikollha tiddefendi ruħha quddiem il-qrati ta' diversi Stati Membri u, b'hekk, taħt diversi sistemi ġuridiċi, li l-iktar waħda severa minnhom aktarx li tiddomina.

66. Jirriżulta li l-Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 44/2001 diġà ġie interpretat b'ċerta flessibbiltà. Madankollu, jeżisti riskju li jekk jiġu mmultiplikati l-punti ta' konnessjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja mhux biss tkun qed tibni ġurisprudenza li ssir diffiċli biex tinftiehem minħabba n-natura tentakulari tagħha, iżda twassal ukoll inkiss inkiss biex tikteb mill-ġdid l-imsemmi Artikolu 5(3). Jekk din it-tendenza li jintgħażel approċċ estensiv ta' dan it-test tkompli mingħajr ir-rażan meħtieġ, dan jista' jwassal għal inverżjoni totali tal-mekkaniżmu ċentrali tar-Regolament Nru 44/2001, billi jiġi rregolat għat-tieni livell il-prinċipju fundamentali li l-persuni ddomiċiljati fit-territorju ta' Stat Membru għandhom normalment jiġu mfittxija quddiem il-qrati ta' dak l-Istat[46]. Għaldaqstant, fil-fehma tiegħi l-Qorti tal-Ġustizzja għandha toqgħod attenta li ma tmurx wisq 'il bogħod f'din id-direzzjoni fl-interpretazzjoni li hija tagħmel ta' dan l-artikolu.

67. Għaldaqstant, jidhirli li jekk tingħata risposta negattiva għad-domanda preliminari magħmula mill-qorti tar-rinviju, dan ikun jissodisfa aħjar ir-rekwiżiti li jirriżultaw kemm mis-sistema kif ukoll mill-objettivi tar-Regolament Nru 44/2001.

## V – Konklużjoni

68. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tirrispondi b'dan il-mod għad-domanda preliminari magħmula mil-Landgericht Düsseldorf:

L-Artikolu 5(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali, għandu jiġi interpretat fis-sens li r-regola ta' ġurisdizzjoni speċjali f'materja ta' delitt prevista minn dan it-test ma hijiex applikabbli meta, f'każ ta' parteċipazzjoni f'atti allegatament dannużi minn diversi persuni li jkunu aġixxew fi Stati Membri differenti, l-azzjoni kontrihom titressaq quddiem qorti partikolari biss fuq il-bażi tal-post fejn twettaq l-avveniment kawżattiv imputat lil kompliċi jew koawtur li ma jkunx konvenut fil-kawża quddiem dik l-istess qorti.

45 — Ara l-oġġezzjonijiet ifformulati kontra l-approċċ imsejjaħ "mosaic theory" li ħareġ mis-sentenza Shevill *et*, iċċitata iktar 'il fuq, f'Hess, B., Pfeiffer, T., u Schlosser, P., Report on the Application of Regulation Brussels I in the Member States, Study JLS/C4/2005/03, verżjoni finali ta' Settembru 2007, punt 214.

46 — Ara, b'analoġija, is-sentenza tat-22 ta' Mejju 2008, Glaxosmithkline u Laboratoires Glaxosmithkline (C-462/06, Ġabra p. I-3965, punt 32), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tenfasizza li "it-trasformazzjoni, mill-qorti Komunitarja, ta' regoli ta' ġurisdizzjoni speċjali, intiżi sabiex jiffaċilitaw amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, f'regoli ta' ġurisdizzjoni unilaterali, li jipproteġu l-parti kkunsidrata li hija l-anqas b'saħħitha, tmur lilhinn mill-ekwilibriju bejn l-interessi li stabbilixxa l-leġiżlatur Komunitarju fl-istat tad-dritt attwali".